XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 3**
**26 ta' April 2013 fis-7:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Dr Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Minuti 454**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 2 ma kienux lesti u ma gewx approvati.

2. **Approvazzjoni tal-Financial Statements 2012**

   Din il-laqgħa issejħet urġenti sabiex jiġu approvati il-Financial Statements ta' 2012 li l-Kunsill irċieva mingħand l-awditur. Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li f'pagna 19 fil-Capital Commitments għandha tiġi notifika l-awditur li minflok 'approved but not yet contracted for' tal-latrina tal-Pjazza ghandha tiġi 'approved and contracted'. Is-Segretarja ser tinfurma lil awditur b'dan. Il-Kunsill qabel li xorta ghandhom jintbghatu l-Financial Statements peress li l-courier ghandu jigborhom s-Sibt u l-ufficcju ta' l-awditur ikun magħluq is-Sibt u d-deadline kienet it-Tlieta u t-Tnejn filgħodu l-awditur ried għaxar kopji f'idejh ghal binding. Il-Financial Statements inqraw u ġew approvati.

XEWKIJA

3. **Affarjiet Oħra**

i. Is-Sindku issuġerixxa li għandha issir ħarġa għal jum l-omm. Hu qal li jmorru jieklu ir-Ramla u jixtru l-biljett u tintgħata tifkira ta' l-okkazjoni. Il-Kunsill qabel li għandha issir.

ii. Il-Kunsillier George Zammit ġibet l-attenzjoni dwar l-istat tat-Triq Indri Borg quddiem ir-residenza ta' Rapa. Il-Vici Sindku spjegat li din ma kienetx ghada saret rigward li l-ilma tax-xita kienet qed tagħmel ħafna ħsara gol projeta ta' Martinu Vella. Dr. Monica Vella infurmat lill-Kunsill prezenti li kienet saret laqgħa fil-21 ta' Jannar 2013. Kien hemm prezenti għal laqgħa il-Perit Saliba, Is-Sindku, l-Kunsillier Hubert Saliba, s-Segretarja Ezekuttiva, Mario Gatt il-Kuntrattur, Benny Gatt, u Martinu Vella. Waqt din il-laqgħa gie diskuss biex tinsab soluzzjoni biex tigi solvuta l-problema li kienet qed takawza l-ħsara fil-propjeta' ta' Martinu Vella. Il-Perit Saliba qal li hemm option li terġgħa tinqala t-triq biex jinkixef il-ħajt ta' ilqugħ tat-triq, jitneħħa u jerġgħa jsir mill-gdid bil membrane u jiġi mirdum bil-konkos u mhux b'taħlita oħra ta' lean mix li minna qed jgħaddi l-ilma. Il-Kuntrattur Mario Gatt issuġġerixa option oħra li jsiru sink holes ma' tul il-ħajt ta' l-ilqugħ. Martinu Vella qal li għalih l-importanti li tinstab soluzzjoni biex ma jkomplix ibati l-ħsara. Huwa qal li kien ga ħaraq tlett pumpi itellghu l-ilma u ġab l-ircivuti tagħhom biex jurihom lil dawk prezenti. Marinu Vella u l-Perit Saliba kienu prezenti għal laqgħa u hu qal lil Kunsill li l-ilma tax-xita qed jagħmillu ħafna ħsara ġol-propjeta' tiegħu. Hu qal li jixtieq li tinstab soluzzjoni oħra biex tissolva l-problema li għandu. L-Perit għandu jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur biex tinsab soluzzjoni. Hu qal li s-soluzzjoni li ħareġ il-kuntrattur tas-sink holes ma hi soluzzjoni xejn għax is-sink holes m'humiex legali u hu ma jridx ikollu problemi. Martinu Vella staqsa jekk hux ser jidħol responsabli il-Perit jew il-Kunsill jekk isiru s-sink holes. Martinu Vella qal li s-soluzzjoni ghandħa tkun l-ewwel option li kienet giet diskussa qabel u cioe li x-xogħol isir mill-ġdid. Il-Kunsill qabel li ghandu jagħmel kuntatt mal-Perit Saliba kif ukoll ma M|atinu Vella u l-Perit tieghu.

iii. Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li hi ma gietx infurmata ufficcjali mill-Kunsill li kien hemm sekwestru minghand G V Gozo Developments Ltd lil Kunsill bl-ammont ta' 190,000 euro. Dr Monica Vella infurmat lill-kunsilliera li hi giet infurmata wara nofsinhar li sar mandatt u li saret taf x'hin il-mandatt kien ga sar. Hi staqsiet wieħed wieħed x'ħin saru jafu bil-mandatt li sar fuq GV Gozo Developments Ltd. Domnic Zerafa qal li hu gie infurmat wara nofsinhar imma ma kienx jaf x'hin kien, George Zammit qal li wara nofsinhar u ma kienx jaf x'hin kien u Jeanelle Attard qalet li saret taf ghal habta tat-tlieta. Il-Vici Sindku qalet li hi xtaqet tkun taf bl-affarijiet

qabel isiru u mhux wara ghaliex hi tifforma parti mill-Kunsill. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hu qed jinformaha bl-affarijiet alovolja ghandha interess pekunjaru f'din l-issue. Hi staqsiet jekk il-gazzetta Times ghamlitx kuntatt mal-Kunsill, is-Segretarja infurmat li hi ma tkellmitx ma hadd, Jeanelle Attard qalet li ghamlu kuntatt maghha u qaltilhom li ahjar ikellmu lis-Sindku, Is-Sindku qal li huma ghamlu kuntatt mieghu u hu qalihom li ma kienx jaf bl-ebda sekwestru peress li l-Kunsill ma kienx ghadu ircievieh f'dik il-gurnata u qalilhom li la nikonferma u l-anqas nichat peress li ma kien ghadu jaf b'xejn bis-sekwestru ta madwar 190,000euro. Il-Kunsill ircieva s-sekwestru l-ghada li ghamel kuntatt mas-Sindku tat-Times. Hu kompla jghid li l-gurnalist talbu l-mobile no. tal-Vici Sindku izda hu ma tah l-ebda numru minhabba data protection.

## 7 Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fid-9 30 pm

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |